*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,299, 22 ta' Novembru, 2019*
*Taqsima B*

**A.L. 311 tal-2019**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 219 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (8) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(8) Matul l-ewwel sena tal-Kors, l-istudenti li jiġu aċċettati jistgħu jkunu meħtieġa wkoll joqogħdu għall-*occupational health assessment* biex ikun aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet relatati mal-istudji tagħhom. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. In-nuqqas li tiżvela informazzjoni dwar problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurta' ta' pazjent hija kkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika."